

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2565

tal-11 ta' Ottubru 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/444 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-programm "Dwana" għal kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1294/2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm fil-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/444 huma elenkati fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (2) Matul l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm Dwana 2020 ⁽²⁾, il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa li jiġi aġġustat u ssimplifikat il-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għalhekk irrevédiet l-approċċ tal-prestazzjoni tal-Programm biex tiżgura r-rilevanza tal-indikaturi magħżula kollha għall-fini ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm.
- (3) Għalkemm l-indikaturi elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/444 huma adattati għall-fini ta' monitoraġġ annwali tal-prestazzjoni, ma jippermettux monitoraġġ u evalwazzjoni suffiċjenti u komprensivi tal-attivitajiet u tar-riżultati tal-Programm fil-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi addizzjonali bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li daww l-indikaturi addizzjonali jkejlu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm.
- (4) Biex jiġi żgurati li *d-data* għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-Programm tinġabar b'mod effiċjenti, b'mod effettiv u fil-ħin, jenħtieġ li jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati biex jiġi evitat rapportar doppju u jittaffa l-piż amministrattiv.
- (5) Sabiex jiġi żgurati allinjament mal-bidu tal-perjodu ta' rapportar b'rabta mal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm, jenħtieġ li dan ir-Regolament Delegat japplika b'mod retroattiv, mill-1 ta' Jannar 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Indikaturi tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni u rekwiżiti ta' rapportar**

1. Meta jiġi mmonitorjat u evalwat il-Programm f'konformità mal-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2021/444, għandhom jintużaw l-indikaturi li ġejjin bħala parti mill-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni:

- (a) l-indikaturi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2021/444;
- (b) l-indikaturi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li għandhom ikejlu l-outputs, ir-riżultati u l-impatti tal-Programm.

⁽¹⁾ ĠU L 87, 15.3.2021, p. 1.

⁽²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, *Mid-term evaluation of the Customs 2020 programme: final report*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, <https://data.europa.eu/doi/10.2778/923910>

2. L-indikaturi msemija fil-paragrafu 1 għandhom jitkejlu kull sena, għajr l-indikaturi tal-impatt imsemija fil-punti (1)(a), 1(b), (2), u (3)(a) tal-Anness ta' dan ir-Regolament li għandhom jitkejlu kull sentejn u bħala parti mill-evalwazzjonijiet interim u finali, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/444.

3. Meta meħtieġ mill-Kummissjoni, ir-riċevituri tal-fondi tal-Programm għandhom jipprovdvu lill-Kummissjoni bid-*data* u bl-informazzjoni relatati mal-indikaturi msemija fil-paragrafu 1, li huma rilevanti għall-fini li jikkontribwixxu għall-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

**Lista ta' indikaturi addizzjonali fir-rigward tal-qafas ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni tal-Programm
Dwana msemmi fl-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 2021/444****A. Indikaturi tal-output:**

- (1) Żvilupp tal-komponenti komuni tas-Sistemi Elettroniċi Ewropej (EES):
 - (a) l-għadd ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fil-fażi tal-bidu;
 - (b) l-għadd ta' proġetti tal-IT fil-fażi tal-eżekuzzjoni;
 - (c) il-proporzjon tal-proġetti tal-IT li l-kost reali tagħhom huwa kif ippjanat;
 - (d) il-proporzjon tal-proġetti tal-IT bl-istatus "ekoloġiku" skont ir-rekwiżiti previsti fil-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana (MASP-C).
- (2) Twettiq tal-komponenti komuni tal-EES:
 - (a) l-għadd ta' proġetti tal-IT rilaxxati għall-produzzjoni kif meħtieġ skont id-dritt tal-Unjoni;
 - (b) il-proporzjon tal-komponenti komuni tal-EES imwettqa skont l-iskeda ta' żmien tal-MASP-C;
 - (c) l-għadd ta' reviżjonijiet li saru fl-iskedi ta' żmien għat-twettiq tal-komponenti komuni tal-EES.
- (3) Affidabbiltà tal-EES (il-Kapaċità tan-Network Komuni ta' Komunikazzjoni).
- (4) Affidabbiltà tas-servizzi ta' appoġġ tal-IT:
 - (a) il-proporzjon tal-biljetti ta' "inċidenti" riżolti fil-ħin;
 - (b) is-sodisfazzjon tal-utenti bis-servizzi tal-appoġġ ipprovduti.
- (5) Livell ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet ipprovdut permezz ta' azzjonijiet kollaborattivi (il-Kwalità tal-azzjonijiet kollaborattivi).
- (6) Grad ta' għarfien dwar il-Programm.

B. Indikaturi tar-riżultati:

- (1) Livell ta' koerenza tal-leġiżlazzjoni u l-politika doganali u l-implimentazzjoni tagħhom (il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koerenti tad-dritt u l-politika tal-Unjoni).
- (2) Livell ta' kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali:
 - (a) il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali;
 - (b) l-għadd ta' utenti attivi fuq il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni online;
 - (c) l-għadd ta' interazzjonijiet fuq il-pjattaforma kollaborattiva;
 - (d) is-sodisfazzjon tal-utenti bil-pjattaforma ta' kollaborazzjoni online.
- (3) Proċeduri elettroniċi simplifikati għall-operaturi ekonomiċi:
 - (a) l-għadd tal-operaturi ekonomiċi rreġistrati;
 - (b) l-għadd ta' applikazzjonijiet.
- (4) Prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali:
 - (a) il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES biex titjieb il-prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali;
 - (b) il-kontribut tal-outputs tal-azzjonijiet kollaborattivi u ta' kompetenza umana biex titjieb il-prestazzjoni operazzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali.
- (5) Dwana — Innovazzjoni fil-qasam tal-politika doganali:
 - (a) il-kontribut tal-komponenti komuni l-ġodda tal-EES għall-innovazzjoni fil-qasam tal-politika doganali;
 - (b) il-kontribut tal-outputs tal-azzjonijiet kollaborattivi u ta' kompetenza umana għall-innovazzjoni fil-qasam tal-politika doganali.

C. Indikaturi tal-impatt:

- (1) Evoluzzjoni tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri:
 - (a) l-ammont ta' dazji mhux imħallsa, fosthom dazji doganali, dazji kumpensatorji u anti-dumping fuq prodotti u servizzi, relatati ma' frodi u irregolaritajiet li nstabu li għandhom jiġu rkuprati;
 - (b) il-każijiet ta' frodi u ta' irregolaritajiet li nstabu li jinvolvu dazji.
 - (2) Evoluzzjoni tas-sigurtà u tas-sikurezza tal-Unjoni u tar-residenti tagħha (is-sekwestri ta' oġġetti u ta' sustanzi li jkunu ta' theddida għas-sikurezza u għas-sigurtà).
 - (3) Evoluzzjoni tal-faċilitazzjoni ta' attività kummerċjali leġittima:
 - (a) l-effiċjenza tal-iżdoganar doganali u tal-ġestjoni tal-fruntieri (f'termini ta' żmien ta' żdoganar);
 - (b) il-kontribut lejn Unjoni Doganali ħielsa mill-karti.
-